**Laqgħa Numru 81**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**22 ta' Awwissu 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fl-4.15 ta' filgħaxija

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**81.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

81.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

81.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 80 li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Lulju 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

81.3.1 Is-Sindku introduċa lis-Sinjorina Ritienne Sultana, Miss Xewkija, mal-membri tal-Kunsill u awguralha għall-konkors li se jittella' fl-1 ta' Diċembru 2018. Is-Sindku stediena biex tkun preżenti għall-avveniment ta' Fior D'Argenta u anke għal Jum Ix-Xewkija li din is-sena ser isir fl-24 ta' Novembru 2018.

81.3.2 Is-Sindku għamel referenza għall-Wine Festival "Evviva" fejn iċċarra l-punt li mal-imprendituri Taljani il-ftehim kien li s-600 flixkun kienu kollha tal-Kunsill peress li dan il-Wine Festival kien ħa jservi bħala promozzjoni għall-inbid Taljan u dak li kien jibqa' kellhu jibqa' propjeta' tal-Kunsill. Is-Sindku stqarr li meta kien ġie mistoqsi s-Sur Camilleri kien ikonferma li t-Taljani mhux qed jistennew xejn mill-bejgħ tat-tazzi tal-inbid u l-ftehim dejjem kien li kellhom jieħdu ħsieb iħallsu l-akkomodazzjoni huma.

81.3.3 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju jekk kinitx ġabret kwotazzjoni għall-framing tal-lift. Is-Segretarju kkonfermat li waqt li kienu ttieħdu l-qisien mis-*suppliers* tal-irħam ma kellhiex tlett kwotazzjonijiet f'idha.

81.3.4 Is-Sindku kkomunika li jaħseb li tkun idea tajba li l-Kunsill jorganizza mawra għall-Ingilterra għall-January Sales fil-vaganzi tal-Milied. Il-membri preżenti qablu ma' dan u kien hemm qbil li kellhu jieħu ħsieb il-programm is-Sindku stess.

81.3.5 Is-Sindku rreferra għall-€3000 li kienu mwegħdin mingħand il-Ministeru ta' Herrera fis-snin preċedenti. Is-Segretarju stqarret li hi ma tafx xejn fuq din l-għotja u kellha tfittex biex tara tintaqax ma' xi ħaġa.

81.3.6 Is-Sindku rreferra għall-Malta International Food Festival fejn stqarr li għal sena oħra kien suċċess kbir u anke ta prominenza lir-raħal. Is-Sindku stqarr li sfortunatament kien hemm minn xtaq li jkollhu passaġġ minn fejn jgħaddi għall-pjazza fil-jiem li l-pjazza kienet magħluqa u b'hekk ma kienx hemm aċċess għall-ħwienet. Is-Sindku ikkomunika li rċieva messaġġi ta' intimidazzjoni meta l-Kunsill ma kellhux jaqsam ma' dan l-avveniment u stqarr li min kellhu xi problema kellhu jiġi l-Kunsill u mhux jibgħat dawn il-messaġġi ta' initimidazzjoni.

81.3.7 Is-Sindku rrefferra ghall-culverts fi Triq San Bert u Triq Sant'Indrija li rridu jitnaddfu qabel ma tagħmel l-ewwel maltempata.

81.3.8 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju jekk kinitx ġabret il-kwotazzjoni għall-*cameras* mal-latrina fil-pjazza. Is-Segretarju spjegat d-diffikulta' biex tiġbor hand quotations mingħajr speċifikazzjonijiet hekk kif dawn iridu jkunu kollha l-istess għas-*suppliers* kollha u li kien neċessarju li jkun hemm speċifikazzjonijiet magħmula minn persuna teknika. Il-membri qablu ma' dan u ddiskuttew li *cameras* kellhom isiru mal-pjazza kollha u li fil-*playing fields* tal-Ħamrija, Ta' Ġokk u Tal-Barmil.

*4.51pm George Zammit daħal fil-kamra u skuża ruħu li minħabba mpenji oħra kien ġie tard*

81.3.8 Is-Sindku ppreżenta l-pjanta tar-*Restructring* tal-*Playing Field* tal-Ħamrija. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li din il-pjanta ma kinitx ta' *restructuring* jew qala' mill-qiegħ tal-*playing field* imma manitenzjoni. Is-Segretarju għamlet referenza għall-minuti tal-laqgħa tat-22 ta' Mejju 2018 fejn il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li dan il-*playing field* kellhu jinqala' mill-qiegħ u kien ukoll deċiż li *maintenance* isir fil-*playing fields* ta' Ġokk u tal-Barmil. Kien għalhekk deċiż mill-membri preżenti li s-Segretarju terġa' tkellem lil Perit biex iħejji pjanta mill-ġdid.

**81.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

81.4.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa rigward ż-żebgħa li tfiet ħafna bix-xemx. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

81.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni rigward Ta' Spagu (St Mary Street) biex din isir one way. Il-membri tal-Kunsill qablu li jintalab Traffic Management. L-istess kunsilliera rrefferriet li kienet saret ukoll petizzjoni min-naħa tar-r-residenti biex din isir one way.

81.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li l-minibus ma terġax isir ġaladarba t-transport tal-iskola kien ser jingħata b'xejn lil kulħadd. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li dan ħa jingħata biss lil min għandu aktar minn kilometru bogħod mill-iskola. Is-Sindku kellhu jiċċekkja mal-Education Department biex jikkonferma eżatt kif ħa taħdem.

81.4.5 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex isir talba lil Ministeru t'Għawdex bex issiru bins fi Triq l-Imgarr.

81.4.4 Il-Kunsillier George Zammit ġibed l-attenzjoni fuq it-traffic management li baqa' ma sarx fi Triq Ghajn Qatet li tieħdok għal Triq Sannat u Triq It-Taflija. Is-Segretarju kkonfermat li ntbagħtu diversi imejls lil Ministeru t'Għawdex u din it-triq kienet fil-pjan li ssir mill-Ministeru.

**81.5 Fior D'Argenta**

81.5.1 Is-Sindku kkomunika li mil-laqgħa mas-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali l-istess segretarjt kien lest li jikkoloborra f'dan l-avveniment b'€1000. Is-Segratarju kkomunikat li ħa jkunu preżenti bi tlett stands u li kienu nfurmawha li jixtiequ li jkollhom ħin biex jippreżentaw tlett preżentazzjonijiet min-naħa tagħhom. Il-membri tal-Kunsill oġġezzjonaw li dan isir għax inkella n-nies tixba'. Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill li kellhu jinforma lis-Sur Michael Buħagiar hu stess u jinfurmah li dawn il-preżentazzjonijiet ma setgħux isiru matul l-avveniment minħabba li l-ħin ma kienx jippermetti u anke għax jibża' li n-nies tixba.'

81.5.2 Is-Sindku kkomunika li l-aħħar preparamenti kienu l-istess bil-programm jinvolvi Bouncy Castles, football pitch, kant u żfin fil-ġurnata tat-Tlieta 28 t'Awwissu 2018 u l-Erbgħa 29 t'Awwissu fejn l-avveniment jinkludi programm tal-banda, serata t'għana, qsim tat-Torta tat-Tin u l-ħruq tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann.

**81.6 Memorandum of Understanding max-Xewkija Tigers Football Club**

81.6.1 Is-Sindku rrefferra għad-draft tal-Memorandum of Understanding li ntbagħat min-naħa tax-Xewkija Tigers Football Club. Il-kopja nqrat mis-Segretarju u ġiet diskussa min-naħa tal-membri tal-Kunsill fejn kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju kellha minnufih tkellem lid-Dipartment tal-Gvern Lokali biex tiċċekja jekk il-Kunsill jistax jidħol f'MOU ta' din ix-xorta.

**81.7 Applikazzjoni taħt Measure 4.4**

81.7.1 Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill li l-Applikazzjoni taħt Measure 4.4 għall-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Is-Salib, Triq Is-Salvatur u Triq Il-Ħorob kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien se jigwadanja sa massimu ta' €144,844.80.

**81.8 Manitenzjoni u Żamma ta' Toroq**

81.8.1 Is-Sindku kkomunika li kien wasal iż-żmien li jerġa' joħroġ tender għaż-żamma tat-toroq hekk kif il-ħaddiema tal-Kunsill ma kinux qed ilaħħqu mat-toroq kollha. Is-Segretarju staqsiet jekk dan hux possibli peress li kien hemm l-appell fuq it-tender preċedenti taż-żamma tat-toroq. Is-Sindku nforma lis-Segretarju li l-Appell kien

inqata’ fl-aħħar seduta li għalih kien attenda s-Sindku flimkien mal-Avukatessa Renata Formosa. Għaldaqstanit il-membri tal-Kunsill unanimanent qablu li dan it-tender jerġa’ joħroġ mill-ġdid.

81.8.2 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li kien hemm bżonn li joħroġ tender għas-sinjali tat-toroq . Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma’ dan.

**81.9 Korrispondenza u Materji Oħra**

81.9.1 ĊIR SPI 7/2018/I Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (il-GDPR) vis-à-vis iddettalji ta’ ċittadini fil-minuti tal-laqgħat.

81.9.2 Imejl b’invit għas-Sindku biex jattendi l-preżentazzjoni “Tnedija tal-proċess ta’ Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Awtorità dwar l-Iżvilupp Reġjonali għal Għawdex – MGOZ” fit-3 ta’ Awwissu 2018 fid-9.00am fil-Ministeru t’Għawdex.

81.9.3 Imejl mingħand l-Assistent Direttur Henriette Calleja, bil-Memorandum of Understanding anness fejn qed jiġi miftiehem li s-Segratarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ħa jikkolloborra fl-avveniment ta’ Fior D’Argenta bl-għajnuna ta’ €1000 imma l-istess segretarjat irid ikollu 3 *stands* u tinda b’żewġ *projectors.*

81.9.4 Imejl b’talba mis-Sur Roger Mamo biex isir il-kors Għaqal Id-Dar, Ħajja Aħjar minn Ottubru 2018. ok

81.9.5 Imejl mingħand is-Sinjura Maria Żammit biex tfakkar fl-iSkema Finanzjarja favur il-Komunita'- Libreriji Lokali/Reġjonali

81.9.6 Cir AKL 2018/091 - Servizz ta' qbid ta' ħamiem salvaġġ- fejn il-Kunsill kien qed jiġi nfurmat li ħarġet sejħa fuq l-*EPPS* biex jinqabad dan il-ħamiem mingħajr dan ma jinqatel u l-Kunsill ikun jista’ jitlob biex jagħmel użu minn dan is-servizz.

81.9.7 Talba mis-Sinjura Maria Gauci biex tintroduċi gruppi ta’ Krafts fix-Xewkija billi l-Kunsill jipprovdi post fejn dawn in-nisa jkun jistgħu jintaqgħu u waqt li jieħdu kafe’ jisimgħu talk qasira li ma tinvolvix diskussjoni politika. Il-membri tal-Kunsill qablu ma’ din il-proposta u s-Segretarju kellha tkellem lis-Sra Gauci.

81.9.8 Cir AKL 2018/081 - Pendenzi WSC. Imejl biex jintbagħtu l-ammonti ta’ pendenzi li l-Kunsill għandu jirċievi mingħand il-WSC.

81.9.9 Talba mill-Ispettur Spiteri biex isiru humps fi Triql-Indipendenza. F’risposta mill-Kunsill fejn ġie infurmat li dawn problema għax ħadd ma jridhom quddiem tiegħu saret referenza għat-trakkijiet li jgħaddu meta t-tabella tindika li dawn mhux suppost jgħaddu mill-istess triq. F’imejl li intbagħat mill-Ispettur hemm anness żewġ proposti minn fejn jistgħu jgħaddu trakkijiet kbar fosthom minn Triq It-Taflija li kienet magħluqa. Il-membri ddiskuttew din l-imejl u kien deċiż li s-Segretarju kellha tkellem lil Road Constructions biex tara meta kienet se tinfetaħ Triq It-Taflija.

81.9.10Talba għall-kollaborazzjoni fir-recording għall-musical “Rajtek Tinbidel” Wara diskussjoni rigward din it-talba, il-Kunsilliera Jeanelle Attard, Domenic Zerafa u Hubert Saliba ma qablux li l-Kunsill jikkallobora hekk kif kienu tal-fehma li r-raħal ma kien se jigwadanja xejn hekk kif din l-għajnuna kienet qed tintalab biex l-Għaqda Drammatika tgħin lid-Dar tal-Ursulini.

81.9.11 Invit biex il-Kunsill jipparteċipa fil-*Pink October Campaign* billi tinxtegħel binja bir-roża. Kunsill li jipparteċipaw jingħataw siġra. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandu jinxtegħel il-bini tal-Kunsill il-Ġdid.

81.9.12 Imejl mir-Reġjun Għawdex bil-Proposta għall-Karnival Reġjonali ta' Għawdex 2019 biex dawn jinżammu fil-weekend ta' qabel il-Karnival u b'hekk ma jtellfux mill-Karnival li jittella' fir-Rabat mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

81.9.13Imejl mill-Prinċipal Victor Galea b'talba biex jiġi provdu skip biex jitneħħa l-imbarazz li hemm wara l-iSkola tal-Mużika. Il-membri tal-Kunsill qablu li jiġi provdut dan l-iskip.

81.9.14 Ittra mis-Segretarju Anthony Agius Decelis biex il-Kunsill jinnomina persuna għall-Premju Anzjanita' Attiva. Il-Kunsill innota l-kontenut.

81.9.15 Imejls li għaddew min-naħa tal-Kunsill u l-Ispettur Spiteri rigward dettalji ta' persuna li nqabdet tarmi fi Triq Il-Mitħna taħt tabella li min jinqabad jiġi mħarrek.

81.9.16 Stedina lis-Sindku u s-Segretarju għall-*Afternoon Tea* flimkien mal-President nhar it-Tnejn 20 ta' Awwissu 2018 fis-2.30pm.

81.9.17 Imejl mingħand is-Sinjorina Sharon Vella fejn infurmat lil Kunsill li lesti biex tiġi ssettiljata l-*claim* tal-ħsarat fil-lift.

**81.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

81.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**81.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

81.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.01pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar l-Ħamis 20 ta' Settembru 2018 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **20 ta' Settembru 2018**.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |